# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 20 ta' Ġunju 2024**

**Rikors numru 253/2023**

**Adrian Piscopo (K.I. 38595M))**

**vs.**

**L-Avukat Ġenerali**
**L-Avukat tal-Istat**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

**A. RIKORS**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrent ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2023, permezz ta' liema talab hekk:

> Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha sabiex :

i) Tiddikjara illi minħabba illi fil-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, il-piena kontemplata taħt l-artikolu 204C(1), hija dik ta' minimu ta' 5 snin priġunerija, tikkostitwixxi piena sproporzjonata u, konsegwentement hija leżiva tad-dritt tal-esponenti għall-protezzjoni minn trattament inuman u degradanti kif

sanċiti kemm fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

ii) Tiddikjara li id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġie miksur, hekk kif deskritt aktar 'il fuq, mhux l-inqas minħabba d-dispożizzjonijiet legali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii) Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, flimkien ma' kull provvediment, ordni jew direttiva neċessarja li jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

2. Rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fit-28 ta' Ġunju 2023, permezz ta' liema għar-raġunijiet premessi opponew għat-talbiet.

3. Rat li fil-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Frar 2024, ir-rikorrent talab li bħala prova fir-rigward tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari, kif ukoll bħala prova fil-mertu għandhom jiġu ppreżentati l-atti kollha li jinsabu fil-kriminal. Il-partijiet jaqblu li għal dan il-għan tista' tiġi ppreżentata kopja elettronika tal-atti (fol 138).

4. Semgħet it-trattazzjoni orali tal-partijiet fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimat fit-13 ta' Frar 2024.

5. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

6. Rat li fil-verbal tat-13 ta' Frar 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati.

## B. FATTI TAL-KAŻ

7. Il-fatti tal-każ (in suċċint) huma is-segwenti: -

Fit-23 ta' Lulju 2019, Adrien Piscopo tressaq il-qorti b'arrest akkużat li f'Ġunju tas-sena 2019 ipparteċipa f'attività sesswali ma' minuri filwaqt li ġie akkużat ukoll li pproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul u prodott materjal indeċenti, ukoll li akkwista aċċess ta' dan il-materjal indeċenti permezz tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni u kellu fil-pussess tiegħu materjal indeċenti li juri persuna taħt l-età. Ir-rikorrent Adrian Piscopo ġie wkoll akkużat li f'Settembru 2017, ipparteċipa f'attività sesswali ma' minuri oħra u ġie akkużat li għamel jew pproduċa jew ippermetta jiġi prodott materjal indeċenti u li akkwista permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, billi kellu fil-pussess tiegħu materjal indeċenti li juri stampa ta' persuna taħt l-età.

Illi meta ingħalqet l-kumpilazzjoni, inħareġ l-att ta' akkuża numru 19/21 fil-konfront tar-rikorrent fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Adrian Piscopo.**

## C. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

### L-EWWEL EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

8. Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, qed jiġi sostnut li l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex leġittimi kontradittturi, u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jattakka l-validita kostituzzjonali u konvenzjonali tal-artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa paċifiku li l-Avukat tal-Istat biss jwieġeb għall-ilmenti ta' din in-natura.

9. L-argument tal-intimati huwa bbażat fuq il-fatt li huwa paċifiku li sa fejn parti li tintavola każ sabiex tattakka l-operat ta' xi liġi huwa l-Avukat tal-Istat li għandu rappreżentanza ġudizzjarja (hekk imsejħa) residwa abbażi tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> 1. Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.
>
> Iżda mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
>
> a) Kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General.
> b) Kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impjieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.
> c) Kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.
>
> 2. L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.
>
> 3. Kull rikors ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull Kap ta' Dipartiment tal-Gvern, li kontra tiegħu ikun dirett u lill-Avukat tal-Istat, u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull Kap ta' Dipartiment tal-Gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat tal-Istat. In-notifika lill-Avukat tal-Istat issir bla ħlas lir-Reġistratur.

11. L-azzjoni tar-rikorrent hija ppernjata fuq l-artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ir-rikorrent jilmenta li (f'każ ta' sejbien ta' ħtija) dan l-artikolu jġorr miegħu piena minima ta' ħames (5) snin priġunerija. B'hekk qed isostni li l-piena hija waħda sproporzjonata u eċċessiva peress li ma tħalli l-ebda diskrezzjoni lill-ġudikant fejn jikkonċerna l-minimu tal-piena f'każ ta sejbien ta ħtija u ma tippermettix lil ġudikant li fl-erogazzjoni tal-piena jieħu kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Ir-rikorrent b'hekk isostni li l-artikolu 204Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa leżiv għad-dritt tiegħu ta' protezzjoni minn trattament inuman kif sanċit taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre, r-rikorrent qed jilmenta wkoll li d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġie miksur.

12. Il-ġurisprudenza paċifika f'dan il-qasam tisħaq li l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-libertajiet fundamentali hija azzjoni pubblika u bħala tali għandha tkun diretta kontra l-Istat. Kif insenjat fil-każ fl-ismijiet **Aber Woldu Hiwot et vs Profs. Henry Frendo et nomine** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Ottubru 2002, ingħad li azzjoni kostituzzjonali fejn jiġi allegat li hemm ksur ta' libertajiet fundamentali, tista' ssir (kif kienet il-Liġi dak iż-żmien) kontra l-Avukat Ġenerali għaliex id-dmir li joħloq l-istrutturi meħtieġa sabiex jitħarsu l-artikoli tal-Kostituzzjoni u l-artikoli kif sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem huwa dmir tal-Istat.

13. Din il-posizzjoni ġiet ribadita wkoll fil-kawża fl-ismijiet **Dr Muhammed Mokbel Elbakry vs. Onorevoli Prim'Ministru, Onorevoli Viċi Prim'Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, Avukat Ġenerali u l-Bord ta'l-Appelli dwar ir-Rifuġjati** deċiża nhar is-6 ta' Diċembru 2007 fejn filwaqt li ġiet ċitata b'approvazzjoni s-sentenza **Aber Woldu Hiwot et** dik il-Qorti qieset li f'dak il-każ in disamina – fejn ir-rikorrent kien qiegħed jibbaża l-allegazzjoni tiegħu kemm fuq il-fatt li l-liġi nnifisha ossija l-artikoli 5, 6, u 7(6) tal-Att dwar ir-Refuġjati kienet tisker il-jeddijiet fundamentali tiegħu kif ukoll li l-proċeduri quddiem ir-Refugee Appeals Board kienu wkoll vjolattivi tal-istess jeddijiet tiegħu, dik il-Qorti qalet li kemm il-Prim'Ministru kif ukoll ir-Refugee Appeals Board ma kienux leġittimi kontraditturi f'dik it-tip t'azzjoni għaliex – kif kienet il-Liġi dak iż-żmien – kien l-Avukat

Ġenerali li kellu jirrispondi u dan in bażi għall-insenjament f'**Aber Woldu Hiwot et** :

> Fil-fehma ta' din il-qorti, il-kawża tallum setgħet issir biss kontra l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta. Id-dmir illi joħloq l-istrutturi meħtieġa sabiex jitħarsu l-art. 39 talKostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem huwa dmir ta' l-istat. Jekk dik l-istruttura mwaqqfa millistat tonqos milli twettaq il-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali jkun l-istat li jwieġeb għal dak in-nuqqas; ittribunal innifsu, fl-interess ta' l-indipendenza tiegħu li wkoll hija kwalità meħtieġa għall-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali, ma jistax jissejjaħ biex iwieġeb għall-għemil tiegħu.
>
> Għalhekk kontradittur leġittimu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwa l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta.

14. Din l-istess posizzjoni ġiet ukoll ekeġġjata fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija u Registratur tal-Qrati (Ghawdex)** deċiża fit-30 ta' Ġunju 2015[1] fejn dik il-Qorti fuq l-iskorta tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ddeċidiet li skont kif kienet il-Liġi dak iż-żmien kien l-Avukat Ġenerali li kellu r-rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta fil-kawża kostituzzjonali meta xi ħadd jikkontesta liġi jew deċiżjoni tal-Qrati – u b'mod partikolari meta r-rikorrent ma jkunx qed jilmenta minn xi għemil jew nuqqas speċifikament attribwibbli għal dawk l-intimati speċifiċi li jkunu qed jitolbu l-liberatorja mill-ġudizzju.

15. Iżjed riċenti, din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Jean Marc Dalli KI 11395M vs. Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Generali u Avukat tal-Istat** deċiża nhar is-26 ta' Settembru 2022 imxiet ukoll fuq l-istess passi meta l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ssollevaw l-eċċezzjoni li ma kienux il-leġittimi kontradditturi f'din il-kawża.[2] Din id-darba l-kwistjoni tar-

---

[1] F'din is-sentenza intqal:

> Meqjus li l-ilmenti tar-rikorrent jolqtu biss (i) il-ligijiet dwar l-assistenza legali tal-interrogat u tal-akkuzat fi zmien meta r-rikorrent kien involut fi proceduri kriminali u (ii) id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati fejn tikkoncerna l-helsien mill-arrest tieghu, allura l-legittimu kontradittur tar-rikorrent f'dawn il-proceduri ma huwa hadd hlief l-Avukat Generali. Dan inkwantu skont gurisprudenza pacifika, huwa l-Avukat Generali li ghandu r-rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta f'kawzi kostituzzjonali meta xi hadd ikun qieghed jikkontesta l-ligi u/jew decizjonjjiet tal-Qrati; Fi kwalunkwe kaz ma jidhirx li r-rikorrent qieghed jilmenta minn xi ghemil jew minn xi nuqqas ta' ghemil tal-intimati l-ohra.
>
> Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ma hemmx htiega ghalfejn lintimati l-ohra, ghajr ghall-Avukat Generali, ghandhom ikunu parti f'dawn il-proceduri. Jigi b'hekk li dawn l-intimati ghandhom jigu mehlusa mill-harsien tal-gudizzju;

Din is-sentenza ġiet ukoll konfermata fl-appell nhar is-16 ta' Marzu 2015 – għalkemm fuq dan il-punt dwar il-leġittimu kontradittur ma kienx sar appell.

[2] Intqal hekk:

rappreżentanza ġiet deċiża in bażi għall-Liġi attwali fejn wara l-emendi introdotti bl-att XXV tal-2019 l-Avukat Ġenerali ġie sostitwit bl-Avukat tal-Istat. Din is-sentenza ġiet ukoll konfermata fl-appell fil-31 ta' Mejju 2023, għalkemm ma kienx hemm appell fuq il-punt dwar il-leġittimu kontradittur.

16. Madankollu, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ma jirrispondux għall-lanjanza tar-rikorrent ġaladarba t-talba hija biex dispożizzjoni tal-liġi tiġi dikjarata leżiva tal-Kostituzzjoni, jew tal-Konvenzjoni Ewropea – għall-liema talba jwieġeb biss l-Avukat tal-Istat. Għaldaqstant, kemm-il darba jinstab li l-allegat leżjoni tad-drittijiet umani abbażi tal-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea għandha bażi fil-fatt u fid-dritt, ikun irid iwieġeb għaliha biss l-Avukat tal-Istat. Dan jingħad b'mod partikolari għaliex ir-rikorrent mhux qiegħed speċifikament jattakka l-eżerċizzju ta' setgħat jew l-operat ta' dawk l-intimati daqskemm il-fatt li dawk l-intimati operaw in bażi għal Liġi li huwa jqis li hija inkostituzzjonali.

17. **Għaldaqstant, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija.**

## D. IT-TIENI EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

18. Tramite it-tieni eċċezzjoni, ġie eċċepit li dawn il-proċeduri huma intempestivi u prematuri biex b'hekk din il-qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-risposta, ġie sostnut li dan qed jiġi eċċepit peress li l-każ penali kontra r-rikorrent għadu ma nstemax u fl-eventwalità ta' eżitu kontrih, ir-rikorrent għandu jedd ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Di piu`, huwa paċifiku li f'analiżi ta' jekk seħħx ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, wieħed għandu jqis il-proċedura fit-totalità tagħha u mhux l-allegat nuqqas partikolari f'iżolament.

19. It-talbiet tar-rikorrenti jistrieħu fuq allegat ksur dupliċi:

---

Illi dan l-Artikolu gie emendat permezz tal-Att XXV tas-sena 2009, meta "lAvukat Generali" gie sostwit mill-"Avukat tal-Istat". Illi ghalhekk f'dan s-sens huwa minnu li l-Avukat Generali mhuwiex l-legittimu kontradittur f'dawn lproceduri, la issa gie sostwit mill-Avukat tal-Istat. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Kummissarju tal-Pulizija, dawn il-proceduri kostituzzjonali huma rizultat ta' dritt li nghata lill-suspettati permezz ta' azzjoni legislattiva. Illi l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex qieghed jigi attakkat fl'ebda mument u qatt ma kien hemm l-intervent tieghu. Illi ghalhekk anke f'dan l-kaz, l-Kummissarju tal-Pulizija m'ghandux jitqies bhala l-legittimu kontradittur f'dawn l-proceduri kostituzzjonali.

(a) trattament inuman u degradanti kif sanċiti fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u kif ukoll fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem
(b) ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq kif protett fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

20. Il-bażi tat-talba hija minħabba li l-piena minima mandatorja kontemplata fl-artikolu 204Ċ(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija għolja ħafna tant li huwa jsejħilha sproporzjonata u eċċessiva kif ukoll li t-termini tal-imposizzjoni tal-istess piena ma jippermettux element ta' diskrezzjonalita lil Qorti sabiex tieħu kont ta' ċirkostanzi speċifiċi għall-fattispecie li jkunu jistgħu iservu t'attwanti.

21. L-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

> Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.

22. L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jistipula:

> Ħadd ma għandu ikun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.

23. Hawnhekk huwa relevanti dak ritenut fil-kawża deċiża mill-qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-11 ta' Diċembru 2003, **Yankov vs. Bulgaria**, fejn ingħad:

> Ill treatment must attain a minimum of level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative, it depends on all the circumstances of the case.

24. Mill-banda l-oħra l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid:

> Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il darba l-akkuża ma tigix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

25. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

> 1.Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u

pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi........
2. Kull Min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skont il-liġi.
3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
a. li ikun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettall dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;
b. li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
c. li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk.

26. Minn qari akkurat tal-att tal-akkuża, jirriżulta li l-ewwel u r-raba’ kapi ta' akkuża, huma msejsa fuq l-artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-ewwel kap ta' akkuża jikkonċerna allegata attivita sesswali kommessa ma’ tfajla ta' tlettax il-sena f’Ġunju 2019, u r-raba’ kap ta' akkuża jikkonċerna allegat attività sesswali ma' tfajla oħra ukoll taħt l-età f’Settembru 2017.

27. It-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati, hija imsejsa prinċipalment fuq l-intempestività tal-procedura odjerna, għaliex qed jiġi sostnut, li hija prematura peress li l-ġuri kontra r-rikorrent għadu ma nstemgħax, u fl-eventwalità ta' eżitu kontrih, ir-rikorrent ser ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Inoltre`, għal dak li jirrigwarda l-ilment tal-ksur ta’ jedd għal smigħ xieraq, l-istħarriġ irid isir fil-proċedura fit-totalità tagħha, u mhux dwar nuqqas partikolari f'iżolament.

28. Dak eċċepit mill-intimati minħabba li l-emendi tal-Att XIII tal-2018, daħlu fis-seħħ fis-sena 2018, il-piena li qed jilmenta minnha r-rikorrenti hija applikabbli biss għall-ewwel kap ta' akkuża, li jolqot reat allegatament kommess f'Ġunju 2019. Il-piena tar-raba' kap ta' akkuża hija regolata b'mod differenti, bil-liġi kif kienet viġenti f'Settembru 2017 meta allegatament ġie kommess ir-reat.

29. Jirriżulta eċċepit ukoll, li fl-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali, ir-rikorrent qajjem in-nullita tal-att t'akkuża minħabba li ma qabilx mal-parametri tal-piena indikata fl-ewwel kap ta' akkuża, liema eċċezzjoni ġiet miċħuda permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Mejju 2022. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza iżda ma ressaqx aggravju dwar din il-materja. L-appell tiegħu ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Ottubru 2022. Inoltre`, ġie eċċepit li l-ġuri tar-rikorrent kien skedat li jibda fl-1 ta' Ġunju 2023, iżda peress li ġew istitwiti dawn il-proċeduri

kostituzzjonali il-ġuri ġie differit *sine die*, riappuntabbli wara d-deċiżjoni finali f'dawn il-proċeduri.[3] Kopji ta' dawn iż-żewġt sentenzi ġew eżebiti bi prova f'dan il-każ u esebiti a fol 47 *et sequitur* u fol 76 *et sequitur* rispettivament.[4]

30. Fejn jirrigwarda allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tas-smiegħ xieraq, il-ġurisprudenza paċifika tisħaq li qabel xejn il-proċeduri għandhom jitqiesu fit-totalità tagħhom.[5] Fil-każ **Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali**, deċiża fis-16 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet li sabiex il-qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq, hemm bżonn li jsir apprezzament tal-proċess kriminali kollu[6] kif ukoll li l-proċess sħiħ

---

[3] Fol 108.

[4] Fil-kawża deċiża mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Mejju 2022 fejn l-akkużat eċċepixxa n-nullita tal-ewwel kap tal-att tal-akkuża minħabba li fil-parti tal-piena kien hemm indikati artikoli li m' għandhomx jaqsmu xejn mal-akkuża taħt l-ewwel kap, il-Qorti Kriminali iddeċidiet hekk:

> Din il-qorti tixtieq tibda billi tgħid illi il-piena li jġorr miegħu artikolu 204C tal-Kodici Kriminali, kemm fil-preżent u kemm fl-2019, meta seħħ l-allegat reat, hija dik ta' bejn 5 sa 10 snin priġunerija. Madankollu, l-artikolu 208AC tal-Kodici Kriminali jistipula illi dawn ir-reati għandhom jiżdiedu grad jew tnejn f'ċertu ċirkostanzi, u ċjoè f'dan il-każ għaliex il-minuri kienet għadha taħt il-ħmistax-il il sena u/jew għaliex il-minuri hija meqjusa mill-qorti li qiegħda partikolarment f'riskju li tiġi mħajra biex tikkopera ma' min jinsab ħati jew li ċċedi għall volontà tiegħu u dan għar-raġunijiet li jinsabu stipulati f'dak l-istess artikolu. Għalhekk, f'każ ta' ħtija din il-qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' żżid il-piena, jekk bi grad il-piena tiġi bejn sitt snin u tnax-il sena u jekk b' 2 gradi ssir bejn seba' snin u għoxrin sena priġunerija.
>
> Barra minn hekk, stante li dan l-allegat reat mal-minuri seħħ aktar minn darba waħda, l-Avukat Ġenerali jiċċita wkoll l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, fejn ukoll jitlob li tali piena hekk kif stipulata fl-artikolu 204C għandha tiżdied bi grad jew tnejn. Għalhekk ladarba f'każ li jirriżulta li l-kontinwità, il-piena tista' tiżdied bi grad jew tnejn. Jekk bi grad il-piena dejjem bl-applikazzjoni tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssir tmienja u tletin sena priġunerija u jekk b' żewġ gradi, ssir bejn għaxar snin u erbgħin sena priġunerija.
>
> Ghalhekk, din il-qorti hija tal-fehma li l-akkużat m' għandux raġun fl-eċċezzjonijiet tiegħu, u kieku stess għandu raġun dan jimmerita biss korrezzjoni tal-istess att ta' akkuża u mhux nullità u għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari qiegħda tiġi miċħuda.

[5] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs. Dr Melvyn Mifsud** tas-26 ta' April 2013, fejn ingħad:

> Dan huwa ugwalment applikabbli meta din il-qorti jkollha tikkunsidra jekk x'aktarx tkun ser isseħħ tali vjolazzjoni. Huwa minnu li kemm din il-qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkonċedewli in linja eċċezzjonali xi fattur partikolari tal-proċeduri jista' jkun tant determinanti ta' dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni ta' dritt in kwistjoni......... Iżda dan m' huwiex il-każ li għandha l-qorti quddiemha llum.
>
> Fil-każ tal-lum, imma anke kieku kien minnu li naqsu xi notamenti bil-miktub, li kienu xi darba jiffurmaw parti mill-atti - ħaġa li kif ingħad ma tirriżultax ppruvata f'dawn il-proċeduri mill-appellant fi grad li trid il-liġi - il-qorti ta' kompetenza kriminali tkun għad trid tevalwa r-relevanza ta' dik il-kitba allegatament nieqsa tenut kont tal-fatt li l-appellanti jallega li jeħtieġ dik il-prova sabiex isostni l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni filwaqt li l-prosekuzzjoni issostni li r-reat li bih huwa akkużat l-appellant huwa wieħed ta' natura permanenti u li bħala konsegwenza iġib miegħu, il-fatt li terminu preskrittiv anqas biss jibda jiddekorri sakemm jibqa' jissussisti l-fatt projbit mil-liġi u ċjoé, fil-każ *de quo* in-nuqqas tal-pagament tal-ammonti allegatament dovuti lill-avukat Dottor Carmelo Grima; il-qorti referenti jista' jeħtiġilha tipprovdi jekk għandhiex tametti xi prova sekondarja in sostituzzjoni ta' xi prova primarja u tkun għad trid tiddetermina jekk il-prosekuzzjoni ittentatx l-azzjoni penali fiż-żmien previst mil-liġi, u jekk tkunx ippruvat il-ħtija tal-akkużat sal-grad previst mil-liġi penali, u ċjoe` oltre` d-dubju raġonevoli, u eventwalment fid-dawl ta' dan kollu, tkun trid tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tal-appellant.
>
> Ikunx hemm vjolazzjoni ta' dritt għal smigħ xieraq għalhekk, jiddependi minn kif il-qorti referenti titratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi proċesswali appena elenkati, fost oħrajn li jistgħu jitqegħdu quddiemha fil-kors tal-proċess, u għalhekk ċertament il-fatt waħdu previst minn appellant sabiex hu jsostni t-talba tiegħu għal referenza lil din il-qorti ma hux waħdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, li għalhekk hija ghal kollox intempestiva, prematura, u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-qorti referenti.

[6] F'dik is-sentenza intqal hekk:

jitqies fit-totalita tiegħu.[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Ramon Fenech vs. L-Avukat tal-Istat** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2022, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru 2023, ingħad li l-qorti b'kompetenza kostituzzjonali kemm jista' jkun m' għandhiex tixħet ħarsitha fuq biċċa waħda biss tal-kawża biex tasal għall-konklużjoni jekk seħħx ksur tal-jedd tas-smiegħ xieraq, iżda jeħtieġ li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu, kompliet billi żiedet tgħid hekk:

> Tassew darba li l-proċess kriminali jkun għadu ma ġiex mitmum, ikun għadhom mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi persuna tista' tiġi żvantaġġata. Għal dak li jiswa, jista' jkun il-każ li l-ġurati fl-aħħar mill-aħħar ma jsibux ħati lill-akkużat, u għalhekk ħafna mill-ħsibijiet ħżiena tiegħu jisfaw fix-xejn.
>
> Madankollu, din ir-regola ġenerali li xilja ta' ksur tal-jedd tas-smiegħ xieraq għandha tiġi mistħarrġa wara li jintemm il-proċess kollu, mhijiex ir-regola assoluta li ma tbatix minn eċċezzjonijiet.

31. Dan il-prinċipju dwar is-smigħ tat-totalita tal-proċedura jinsab assodat ukoll f'deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem, fosthom fl-kawża **Mitterand vs. France** (39344/04 deciza fis-7 ta' Novembru 2006 u fil-każ **De Villepin vs. France** (63249/09) deċiża fil-21 ta' Settembru 2010.

32. Madankollu ma jistax jiġi eskluż li f'każijiet partikolari jkun hemm ċirkostanzi speċifiċi jew inċidenti pekuljarji li jkunu jistgħu jagħtu lok lil Qorti ta' ġursidizzjoni kostituzzjonali li tintervjeni anke qabel ma proċess penali jkun intemm jew ittieħed fit-totalita' tiegħu. Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013 dwar ir-referenza li kienet saret mill-Qorti Kriminali fil-kawża **Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri**.[8]

---

> Għalhekk sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-proċess finali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-eżerċizzju li jrid l-appellant, kemm għax l-appellant għandu għad-dispożizzjoni tiegħu ir-rimedji u l-mezzi ta' ħarsien kollha li jagħtih il-proċess penali - hu għalhekk għad għandu rimedji taħt il-liġi ordinarja - u kif ukoll għax din il-qorti għadha ma tistax tqis il-proċess penali kollu kemm hu - għax għadu ma sarx - biex tkun tista' tgħid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali, mhux f' episodju iżolat iżda fil-kuntest tal-proċess meqjus kollu kemm hu, u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispożizzjonijiet tal-liġi attakkati.

[7] Ara wkoll **David Norbert Schembri vs. Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonli fil-25 ta' Marzu 2011, **General Workers Union vs. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru 2017 u **The Police vs Austin Uche et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018.

[8] F'din id-deċiżjoni kien intqal hekk:

> Tassew illi il-ġurisprudenza ġeneralment hija kif jgħid l-Avukat Ġenerali ukoll fil-każ ta' **Imbrioscia vs l-Isvizzera** (QEDB 24 ta' Novembru 1993 (13972/88.4), li ukoll kien dwar id-dritt għall-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti Ewropea qalet illi kellha tagħmel 'a scrutiny of the proceedings as a whole'. Dan huwa prinċipju ġenerali li japplika għa jedd tas-smiegħ xieraq, u ma jidhirx li hemm xi raġuni għala fil-kuntest tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat, għandu jkun differenti.

33. Fil-kawża **Ramon Fenech vs. Avukat tal-Istat** fost l-eċċezzjonijiet għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jissemma' li r-rimedju kostituzzjonali jew konvenzjonali jista' jintalab mhux biss meta jkun ġa seħħ ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem, iżda jista' jintalab ukoll meta x'aktarx ikun sejjer iseħħ ksur ta' dawk il-jeddijiet.

34. Mill-banda l-oħra, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża **Tyrone Fenech et vs Malta** deċiża fil-5 ta' Jannar 2016, qieset li fejn l-ilment kien jolqot l-ammissibbiltà ta' prova mressqa f'kawża kriminali li kienet għadha pendenti, billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom għaddejjin hija ddeċidiet li kien bikri wisq sabiex jiġi deċiż jekk kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq jew le.[9]

35. Fil-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 (2) tal-Kap 319, il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali għandha s-setgħa u d-diskrezzjoni biex ma tħallix li jsiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn. Dawn is-setgħat huma intiżi li jiżguraw li l-ilment tar-rikorrent jiġi eżaminat minn lenti kostituzzjonali u/jew konvenzjonali biex - jekk u fejn ikun jimmerita - jingħataw ir-rimedji opportuni.

---

Madankollu, kif qalet din il-qorti fil-każ **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011, jista' jiġri illi episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu, u għalhekk ma jkunx il-każ li il-qorti tistenna sakemm jintemm il-każ. Dan jista' faċilment jiġri fil-każ ta' ammissjoni ta' ħtija. Huwa minnu illi jekk ikollha raġuni għax taħseb illi dik l-ammissjoni ma jkollix mis-sewwa, il-qorti tista' ma toqgħodx fuqha. Ma jistax ma jingħadx iżda illi l-istqarrija ta' ħtija, aktar iva milli le, tkun determinanti.

Din il-qorti għalhekk ma tarax illi hemm raġunijiet biżżejjed biex tiddisturba din il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, u li wasslitha biex tagħti deċiżjoni qabel ma jkun intemm il-proċess penali.

Barra minn hekk, dan il-każ jinbeda b' referenza mill-qorti kriminali, li waqqfet is-smigħ quddiem sakemm ikollha tweġiba għal dik ir-referenza. Ma setgħetx għalhekk l-ewwel qorti ma tweġibx għar-referenza bidliet tistenna sakemm jingħalaq il-proċess kriminali.
Sa fejn irid illi l-qorti tqis 'it-totalità tal-proċedura' qabel ma twieġeb għar-referenza, l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

[9] Intqal hekk:

In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, The Court considers that it cannot be excluded that , inter alia, the applicants be eventually acquitted or that proceedings be discontinued (compare, Dimech, cited above, § 46).

The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal oroceedings were still pending (see, Dimech, cited above, § 48, Kesik vs Turkey, (dec.), no.18376/09, 24 August 2020 and Simons vs Belgium (dec.) no.71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquiteed, the complaints was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame vs Belgium (dec.), no.16147/08, 2 March 2010)

The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this compaint to be premature.

Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.

Għaldaqstant, l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħet jeħtieġ li jiġi eżerċitat bi prudenza.[10]

36. Fil-każ **Wasim Rakib vs. L-Agenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Novembru 2022 ġie osservat li r-rikors għal qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jkunu ġew eżawriti jew meta ma humiex aktar disponibbli. Inoltre, meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju ordinarju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha awtomatikament tikkonsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha, jekk dak ir-rimedju ordinarju li setgħa rrikorra għalih ir-rikorrent ma kienx pero ser jirrimedja dik il-parti mill-lanjanza tiegħu.[11]

37. Fil-każ in eżami, fl-eċċezzjoni tal-intimati kif sollevata, għalkemm tistieden lil din il-Qorti tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319, mhux qed tippernja din l-eċċezzjoni fuq rimedju ordinarju ieħor li ir-rikorrent kellu f'din il-proċedura, iżda qed tinsisti li l-procedura odjerna hija intempestiva u prematura għaliex il-każ

---

[10] Ara **Green vs. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' April 2007 u **Olena Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006.

[11] Ara **Dr. Mario Vella vs. Joseph Bannister noe** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu 1994, fejn ingħad:

> Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif ukoll ta' din il-qorti, jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:
>
> a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar rikorrent, biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali, għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humiex disponibbli.
> b) Din il-qorti kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalita jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju tad-diskrezzjonalita tal-Ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.
> c) Kull każ għandu l-fattispecje partikolari tiegħu.
> d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-qorti għandha tikkonsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero se jirrimedja ħlief in parti lanjanzi tar-rikorrent.
> e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-qorti tieqaf u ma tipproċedix bi trattazzjoni tal-każ.
> f) Meta l-Ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.

Dan l-insenjament ġie ukoll applikat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Paul Mckay vs. Kummissarju tal-Pulizija** (500/95) deċiża fid-9 ta' Ottubru 2001 fejn intqal:

> Il-fatt ta' non uso tar-rimedju ordinarju *ut sic*, u indipendentement mhux neċessarjament dejjem u f'kull każ, u b'mod assolut għandu jwassal lill-qorti li tkun li tiddeklina li tagħti rimedju. Jista' jkun hemm każijiet fejn il-qorti nonostante l-fatt illi ma kienx hemm użu tar-rimedju ordinarju, xorta ma tiddeklinix li tieħu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali u tadotta ir-rimedji kif effettivament ġieli ġara f'każijiet li verament huma rari, imma li jeżistu speċjalment meta jirriżulta jew li r-rimedju fi kwalunkwe każ ma kienx ikun effettiv jew inkella meta ċ-ċirkostanzi tal-każ kienu tali li jirrikjedu azzjoni immedjata u li r-rikors għal rimedju ordinarju seta' jkun tali li jaggrava s-sitwazzjoni u l-vjolazzjoni ta' dritt fundamentali.

kriminali fil-konfront tar-rikorrent, għadu ma nstemgħax u għadu fi stat bikri tiegħu.

38. Il-prinċipju li joħroġ mill-ġurisprudenza suċitata, huwa li meta l-proċeduri li fil-kuntest tagħhom isir l-ilment, ikunu għadhom ma ntemmewx, għalhekk għadu mhux magħruf kif ser ikun żvantaġġjat ir-rikorrent, jista' jkun li l-proċediment Kostituzzjonali jkun prematur. Ilment waqt proċeduri li jkunu pendenti jista' jingħata konsiderazzjoni jekk id-dritt lamentat ikun x'aktarx ser jiġi vjolat u l-ksur ikun wieħed reali u imminenti. Din il-possibilita ta' azzjoni preventiva ġiet ukoll sorretta mill-ġurisprudenza.[12]

39. F'dan il-kuntest, ukoll mhuwiex xogħol tal-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali, bħala qorti straordinarja li tistħarreġ il-mertu tal-każ tar-rikorrent u l-mod kif qorti oħra għandha tiżhen il-mertu u l-evidenza li tinġieb quddiemha.[13] Fil-fatt f'sitwazzjoni bħal din, il-Qorti tal-meritu trid tkun dik fdata bil-istħarriġ tal-meritu, u l-Qorti ta' leġittimita' tintervjeni biss f'dawk is-sitwazzjoni stabbiliti skont il-Liġi u l-ġurisprudenza imsemmija iżjed il-fuq; u ma tistax tintervjeni ħin qabel il-waqt.

40. Issa f'dan il-każ, l-ilment tar-rikorrent huwa wieħed marbuta mal-aspett tal-leġittimita' tal-piena preskritta, il-formulazzjoni mandatarja tagħha kif ukoll il-parametri stabbiliti mill-Leġislatur. Dawn huma allura kwistjonijiet li jmorru lil hinn mill-meritu tal-każ u huma kwistjonijiet ta' leġittimita' li jeħtieġu stħarriġ legali moqri mill-lenti kostituzzjonali u konvenzjonali.

41. Għalkemm huwa minnu li l-apprezzament tal-meritu jrid isir mill-Qorti tal-meritu, f'dan il-każ il-Qorti Kriminali, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, dik il-Qorti hija marbuta li tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi – f'dan il-każ mill-Kodiċi Kriminali skont u fil-parametri ta' dak mitlub

---

[12] Ara wkoll **Avukat Dr. Samuel Azzopardi vs. L-Avukat Ġenerali et** deċiża fl-4 ta' Lulju 2017, ikkonfermata mil-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar 2018, fejn ingħad:

> Illi qabel xejn jiġi senjalat li skont il-Kostituzzjoni, kif ukoll skond il-Konvenzjoni Ewropea, kif adottata fl-ordinament ġuridiku tagħha permezz tal-kapitolu 319 tal-liġijiet ta' Malta, kull persuna tista' tfittex ħarsien fejn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħha mhux biss qed jiġu miksura imma anki jekk x'aktarx ser jiġu miksura (artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> ............
>
> Illi iżda kontrarjament għal dak sottomess mill-intimati, l-artikoli suċitati ma jimpedux lill-qorti milli tinvestiga allegat ksur (attwali jew potenzjali) anke qabel ma jiġu konklużi l-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

[13] Ara **Victor Micallef vs. Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ottubru 2001; **Ramon Fenech vs. Avukat tal-Istat** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali fit-28 ta' Ottubru 2022.

mill-Avukat Ġenerali fl-att tal-akkuża. Għalkemm verament li l-każ huwa prematur meta wieħed iħares lejħ mill-lenti tal-meritu, mill-banda l-oħra l-lanjanza mresqa f'dan il-każ hija waħda attwali in kwantu tolqot aspett importanti tal-arkitettura legali strutturali tar-reat kontestat lill-akkużat rikorrent f'dan il-każ. Jekk il-lokuzzjoni legali li tistabbilixxi l-minimum mandatarju statutorju tal-piena prevista u applikabbli għal dak ir-reat - fil-każ ta' sejbien ta' ħtija – hix waħda sproporzjonata u eċċessiva, tikkostitwix *in se* u *per se* leżjoni tal-jeddijiet tal-bniedem kif sanċit taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u jekk l-istess piena tikkawżax vjolazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif ilmentat minnu skond l-artikolu 39 tal-kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija kwistjoni li tipprexxindi l-aspett tal-istħarriġ tal-meritu tal-każ nonche t-tempistika proċedurali.[14]

42. F'dan il-każ l-artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

> Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt is-sittax-il sena jeħel meta jinstab ħati il-piena ta' priġunerija minn 5 snin sa 10 snin.

43. Ir-rikorrent jisħaq li din il-piena abbinata ma' dan ir-reat hija waħda sproporzjonata u eċċessiva, u ma tħallix diskrezzjoni lill-ġudikant fejn jikkonċerna l-minimu tal-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Inoltre, fl-istess premessi, r-rikorrent ikompli jsostni li minkejja li jistgħu jagħżlu fatturi imma jekk hawnx fatturi li jimmeritaw piena daqshekk ħarxa f'każ ta' sejbien ta' ħtija, il-qorti hija prekluża milli

---

[14] Similment ara wkoll il-kawża **Salvatore Olivieri vs. L-Avukat Ġenerali et** deċiża fit-8 ta' Gunju 2015, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali fejn ingħad:

> Dwar il-każ tal-lum u referibbilment tat-tielet eċċezzjoni, din il-qorti ma ssib xejn intempestiv, il-fatt li r-rikorrent ġab il-lanjanza tiegħu quddiem din il-qorti, minflok ħalla l-proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu jiġu deċiżi b'mod definittiv.
>
> Għalkemm mhuwiex kontestat li l-azzjoni kriminali kontra r-rikorrent għadha pendenti il-qorti hija tal-fehma, bla ma tqis f'dan l-istadju l-fondatezza o meno tal-istanza tar-rikorrent fil-mertu tagħha, illi kien għal kollox leġittimu ghar rikorrent li jittenta l-azzjoni tal-lum, anke fil-pendenza ta' l-azzjoni kriminali, ladarba lmenta li l-fatti addebitati lilu ma jammontawx għal traffikar, u kwindi l-piena għat-traffikar, kemm fil-minimu u kif ukoll fil-massimu tagħha, fil-fehma tiegħu, tikkostitwixxi leżjoni ta' indole kostituzzjonali u konvenzjonali stante li - skond hu - ma kkommettiex traffikar.
>
> Bil-kawża tal-lum, ir-rikorrenti qed jattakka l-validità tal-artikolu 22 (1B) u 22(2) (b) (i) tal-Kap 101. Fl-ispeċifiku qiegħed jikkontesta bħala leżiv għall-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tiegħu, il-fatt li l-kultivazzjoni u traffikar tal-kannabis iġorru magħhom l-istess piena. Din il-qorti tgħid li fiċ-ċirkostanzi r-rikorrent ma kellux rimedju ordinarju biex javvanza l-lanjanza tiegħu. Ċertament, ma jistgħux l-intimati jippretendu li r-rikorrent kellu rimedju effettiv bil-fatt li kellu kull jedd imur għal appell fil-każ li tinsab ħtija skont dawk id-dispożizzjonijiet fl-ewwel istanza. Jekk ir-rikorrent qiegħed jikkontendi li l-piena fil-minimu u fil-massimu tagħha, għall-kultivar m'għandhiex tkun ekwiparata ghat-traffikar, l-appell mhux ser jagħti lir-rikorrent rimedju effettiv għaliex anki jekk qorti fl-istadju ta' appell kellha tagħti piena minima ir-rikorrent qiegħed jikkontesta l-piena anke fil-minimu tagħha. Fil-fehma ta' din il-qorti, il-lanjanza tar-rikorrent kif dedotta, tista' tiġi indirizzata biss quddiem din il-qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha.

tikkonsidra dawn iċ-ċirkostanzi peress li idejha marbuta bil-minimu tal-piena bħala ħames 5 snin priġunerija. Huwa minnu li r-rikorrent għadu preżunt innoċenti, għadu ma ssottomettiex ruħu għall-proċess kriminali sħiħ, għad irid jgħaddi ġuri, u għadu għalhekk ma jafx jekk hux sejjer jinstab ħati ta' dak li qiegħed jiġi mixli bih jew f'xi forma oħra ta' ħtija li tista' tiġi misjuba fih mill-ġurija. Huwa wkoll minnu li fil-każ li, wara li jgħaddi ġuri, jiġi misjub ħati huwa għandu r-rimedju ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kemm mill-meritu kif ukoll mill-piena li tista' tiġi inflitta. Iżda huwa daqstant ieħor minnu li kemm il-Qorti Kriminali kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali huma lkoll marbuta bil-parametri tal-piena stabbilita fil-Liġi.

44. Apparti minn hekk għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat il-Qorti tal-Meritu jrid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. In fatti, kif ribadit fl-appell superjuri Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs Marco Zarb** deċiża fil-15 ta' Diċembru 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat li ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ogħla minn dik li il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet kieku tagħti li kieku kienet qed teroga l-piena. Iżda, ġie ribadit wkoll f'dan il-każ li biex l-appell f'dak il-każ jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Dan għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali, ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox. Sabiex piena mogħtija mill-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi ppruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena.

45. Dan l-istess prinċipju ġie ribadit fil sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża fis-26 ta' Frar 2009, fejn ingħad is-segwenti:

> Fil-verità dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor, li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ, li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. Kif diġa ingħad, 'sentencing is an art rather than a science'; u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identità perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor, jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

46. Magħdud ma' dan kollu, kemm-il darba jsir appell kriminali rigwardanti l-piena irid jirriżulta wkoll, li l-piena mogħtija mill-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, tirrijentra fil-parametri tal-liġi, tenut kont ta' dak provdut fid-dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali, rigwardanti il-piena relevanti għall-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat. U f'dan il-każ l-ilment tar-rikorrent jiffoka speċifikament fuq dak li huwa jqis l-eċċessivita u sproporzjonalita bejn il-fatt kommess u l-piena erogabbli – anke jekk din il-piena tkun taqa' fil-parametri legali preskritti għall-istess piena. Huwa fatt ukoll li l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali ma jistgħux jinżlu taħt il-minimum tal-piena għajr ħlief f'ċirkostanzi speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza kif imsemmi fl-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jiġi applikat rarament u b'ċirkospezzjoni. Fi kwalunkwe każ, dan l-artikolu jiffoka fuq xenajru t'applikazzjoni partikolari ħafna u mhux xi forma ta' deroga ġenerali għall-pieni statutorjament applikabbli.

47. In definittiva, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, din il-Qorti tqis la l-Qorti tal-meritu u l-anqas il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jistgħu qatt jagħmlu stħarriġ jekk il-minimu tal-piena ta' priġunerija kontemplata fl-artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkostitwix piena sproporzjonata, u hix leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif qed jallega f'din il-proċedura.

48. **Għaldaqstant, għal dawn il-motivi t-tieni eċċezzjoni preliminari sejra tiġi miċħuda.**

# Deċide

**Għaldaqstant għall-motivi premessi il-Qorti qegħda:**

**(a) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju; filwaqt li**
**(b) tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari u**
**(c) tordna l-prosegwiment tal-kawża, bl-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**